*Vincent Zammit*

# ŻEBBUĠIN
## *FI ŻMIEN IL-FRANĊIŻI*
## 1798 - 1800

*Kif diġà rajna s-sena l-oħra, kien hemm diversi nies Żebbuġin li ħadu sehem fl-imblokk kontra l-Franċiżi[1]. Apparti Mikiel Anton Vassalli u Dun Mikiel Xerri, kien hemm numru aktar ta' persunaġġi li rabtu isimhom kemm mal-perjodu li qegħdin insemmu, kif ukoll ma' raħal twelidhom fil-ġlieda kontra l-Franċiżi. Għal din is-sena ħsibna biex niktbu dwar diversi persunaġġi li forsi isimhom ma tantx huwa daqshekk magħruf. Għalkemm il-persunaġġi li sejrin nitkellmu dwarhom mhumiex bilfors kollha minn Ħaż-Żebbuġ, biss dawn in-nies kellhom xi konnessjoni ma' din l-istess lokalità f'dawn is-sentejn ta' l-imblokk Malti kontra l-Franċiżi.*

### Ġan Indrì Trevisan

L-ewwel darba li jissemma Ġan Indrì huwa fl-intervent tiegħu biex intrebħet l-Imdina minn taħt idejn il-Franċiżi fit-3 ta' Settembru tas-sena 1798. Dak iż–żmien Trevisan kien għad kellu 17-il sena. Minn informazzjoni li ngħatat fl-obitwarju tiegħu, Trevisan kien ġie ferut dakinhar tal-ħbit fuq l-Imdina. Nafu li l-ferita kienet fuq spalltu l-leminija. Għalkemm kien ġie ferut, jidher li dan ma kienx gravi, u lanqas ma kien qata' qalb l-istess Trevisan. Fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Settembru kien sar ħbit fuq il-polverista li l-Franċiżi kellhom f'Kordin. Trevisan kien qiegħed imexxi dan l-attakk u fil-fatt kien irnexxielhom jieħdu minn hemm 79 kartell porvli u 40 kaxxa ta' skrataċ. Anke matul dan l-attakk Trevisan kien spiċċa ferut.

Jidher li dan Ġan Indrì kien wieħed minn dawk iż-żgħażagħ li qatt ma qatgħu qalbhom. Huwa mhuxbiss kien minn dejjem fuq quddiem, anzi kien wieħed minn dawk li kien imexxi l-battaljun ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-battaljun kien l-aktar stazzjonat fil-kamp tas-Samra, għalkemm ġieli kien hemm Żebbuġin għassa fil-kamp ta' Kordin ukoll. Għal sentejn sħaħ Ġan Indrì kien wieħed mill-mexxejja Żebbuġin.

Fl-1 ta' Jannar tas-sena 1799, huwa kien wieħed mill-Maltin li ħadu sehem attiv fl-attakk fuq is-swar tal-Kottonera. Għalkemm l-attakk ma kien serva għal xejn, wieħed irid jgħid li f'dik il-ħabta kien qiegħed jinħema l-pjan ta' Dun Mikiel Xerri u Lorenzi wara s-swar tal-belt Valletta. Matul is-sentejn ta' l-imblokk tal-Maltin kontra l-Franċiżi, Ġan Indrì kien minn dejjem fuq quddiem. Kważi li wieħed ikollu jgħid li kien ħaqqu dan iż-żgħażugħ Żebbuġi li meta l-Maltin daħlu rebbieħa fil-Belt Valletta, huwa kien qiegħed imexxi stakkament ta' mitejn suldat. Maġenbu kien hemm suldati Ingliżi wkoll[2].

### Stanislaw L'Hoste

Wara li l-Franċiżi ħadu l-Malta, kemm waqt li kien għad hawn Napuljun, kif ukoll wara t-tluq tiegħu, bdew jitwaqqfu diversi kumitati. Fit-3 ta' Lulju twaqqfet il-Muniċipalità ta' Ħaż-Żebbuġ. Bħala President kien intgħażel Stanislaw L'Hoste[3]. Sfortunatament dan il-persunaġġ ma tant kellu ċans igawdi dik il-pożizzjoni. Dan minħabba li hekk kif iż-Żebbuġin semgħu li ħuthom ir-Rabtin kienu bdew l-irvell kontra l-Franċiżi tar-Rabat u ta' l-Imdina, dawn marru għand il-President tal-Muniċipalità tagħhom biex iħallihom jieħdu l-armi li kien hemm fl-armerija tar-raħal.

Dan Stanislaw irrifjuta, u minħabba f'hekk, iż-Żebbuġin ħadu dik ir-risposta bħala li huwa kien kontra l-Maltin stess. Mhux talli daħlu u ħadu li riedu, talli qatlu lil Stanislaw

L'Hoste ukoll. Dakinhar tal-qtil tiegħu Stanislaw kellu ħamsin sena. Il-mara tiegħu mietet fil-11 ta' Novembru, probabilment bl-għali tal-mewt ta' żewġha[4].

## Ġużeppi Brignone

Diġà semmejna li l-President tal-Muniċipalità ta' Ħaż-Żebbuġ kien Stanislaw L'Hoste. Bħala s-segretarju ta' l-istess Muniċipalità kien hemm in-Nutar Ġużeppi Brignone. Iżda hekk kif ingħata bidu għall-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi, Brignone ma spiċċax bħal kollega tiegħu L'Hoste. Anzi dan Ġużeppi Brignone spiċċa biex kien intgħażel bħal s-segretarju tal-Kanonku Caruana[5]. Dan kien ifisser li Ġużeppi Brignone kien wieħed fdat mhux ħażin.

Fil-fatt narawh magħżul ukoll bħala wieħed minn żewġ persunaġġi Maltin li ntgħażlu ħalli jmexxu l-Università li twaqqfet mill-Maltin[6] ħalli jkunu jistgħu jibdew jaħsbu għax-xiri ta' qamħ u oġġetti oħra huma stess. Ġużeppi Brignone, minħabba l-pożizzjoni tiegħu ta' Nutar kien imfittex sew. Fl-istess ħin wieħed kien jarah ukoll imdaħħal biex jirreġistra diversi ordnijiet li kienu jinħarġu, jkif ukoll jara li javża lis-suldati għassa fil-kampijiet immexxija mill-awtoritajiet ta' Ħaż-Żebbuġ bl-ordnijiet maħruġa mill-Kungress Malti[7].

## Franġisku Azzopardi

Dan kien membru ieħor li ntgħażel mill-awtoritajiet Franċiżi, nhar it-22 ta' Ġunju 1798[8], biex ikun qiegħed jirrappreżenta lil Ħaż-Żebbuġ fuq il-kumitat tal-Muniċipalità ta' dak ir-raħal[9]. Hekk kif il-Maltin qamu kontra l-Franċiżi, dan iż-Żebbuġi mill-ewwel wera ma' min kien qiegħed. Jumejn wara li kien beda l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi, ġiet mgħajta laqgħa ta' l-Assemblea Ġenerali tal-poplu Malti. Il-laqgħa inżammet fil-Banca Giuratale ta' l-Imdina[10]. Kif intqal, il-laqgħa kellha l-interess li tgħajjat il-membri kemm tal-Belt Notabile, kif ukoll tar-Rabat u ta' l-inħawi kollha, bil-għan li jintgħażlu r-rappreżentanti Maltin li kellhom imexxu l-ġlieda kontra l-għadu komuni[11]. Dan Azzopardi mill-ewwel intgħażel biex ikun wieħed mill-uffiċjali Maltin. Fil-fatt ingħata l-inkarigu li jkun ir-reġistratur tal-qrati Maltin[12].

## Gaetan Fournier

Wieħed mill-persunaġġi magħżula mill-awtoritajiet Franċiżi bħala membru tal-Muniċipalità ta' Ħaż-Żebbuġ kien Gaetan Fournier, li kien baruni[13]. Naraw ismu jissemma wkoll f'waħda mill-ittri li kiteb Regnaud de Saint Jean d'Angely lid-Direttorju Eżekuttiv ta' Franza fid-29 ta'Awissu 1798. Minn din l-ittra nafu li ċ-ċittadin Fournier kien intbagħat b'ittri ta' dan l-uffiċjal Franċiż f'Malta ħalli jkunu jistgħu iżommu l-awtoritajiet Franċiżi aġġornati bl-aħħar aħbarijiet[14]. Iżda fiż-żmien ta' gwerra ma tantx wieħed jista' jafda[15].

Fis-26 ta' Settembru, ftit jiem wara l-bidu ta' l-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi, Vaubois mill-ewwel għamel lista ta' Maltin li kellhom jitkeċċew 'il barra mis-swar miżmuma mill-Franċiżi. Wieħed minn dawk li tkeċċa kien il-Baruni Gaetan Fournier. L-uniku raġuni l-għala tkeċċa 'il barra mill-Belt Valletta kien il-fatt li ħuħ kien suspettat li qiegħed jgħin lill-Maltin tal-kampanja. Għalkemm tkeċċa l-baruni, il-familja tiegħu tħalliet tgħix fil-Belt Valletta[16].

Jidher iżda li dan il-Baruni ma tantx qagħad lura milli jgħin lill-Maltin. Fis-17 ta' Novembru ta' l-istess sena huwa kien intgħażel mill-Maltin stess biex flimkien man-Nutar Ġużeppi Brignone, jieħdu ħsieb l-***Università*** li twaqqfet mill-Maltin[17]. L-Assemblea Nazzjonali kompliet titlob l-għajnuna tal-Baruni, meta fis-7 ta' Frar 1799, ittieħdet id-deċiżjoni li tintbagħat delegazzjoni Maltija biex titlob l-għajnuna mingħand ir-Re Ferdinandu r-Rabà tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet[18]. Id-deċiżjoni tal-kapijiet Maltin kienet tagħmel sens. Kien hemm il-bżonn ta' għajnuna, iżda kulħadd kein jaf li l-istess Re

Ferdinandu ma tantx seta' joffri għajnuna huwa stess. Għalhekk kjien hemm it-talba ħalli l-Ingliżi jagħtu l-għajnuna kollha possibli lill-Maltin. Id-delegazzjoni kienet magħmula minn tliet persuni, li apparti Fournier, kien hemm ukoll l-Abbati Savoye u l-Assessur Wiġi Agius. Dawn it-tliet deputati telqu minn Malta fuq il-bastiment Ingliż ***H.M.S. Vanguard*** u waslu Palermo fit-13 ta' l-istess xahar[19].

Il-biċċa xogħol li kellhom jagħmlu dawn it-tliet deputati Maltin irnexxiet. Ir-Re laqa' t-talba tagħhom, l-awtoritajiet Ingliżi kienu avżati bid-deċiżjoni, kif ukoll l-istess deputati Maltin. Hekk kif saru jafu b'dik ir-risposta pożittiva, id-deputati iffirmaw petizzjoni oħra li għaddewha lil Horatio Nelson, jitlob li huwa jlaħħaq persuna li għandha tkun il-kap tal-qawwiet Ingliżi f'Malta, u li fl-istess ħin ikun qiegħed jgħin ħalli tonqos it-tensjoni u d-diżgwid li kien hemm bejn il-kapijiet Maltin[20].

Jidher li dan ma kienx l-uniku vjaġġ li t-tliet deputati għamlu lejn Sqallija. Fil-fatt hekk kif indunaw li kien hemm nuqqas ta' proviżjon, dawn reġgħu għamlu vjaġġ ieħor u talbu lil Sir William Hamilton u Lord Nelson għal aktar għajnuna. Din l-għajnuna ngħatat immedjatament u fil-fatt ingħata l-permess ukoll biex tibda tittella' l-bandiera Ingliża u titpoġġa maġenb dik tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet[21].

Il-Baruni Gaetan Fournier kien għalhekk persunaġġ li ħadem bis-sħiħ ħalli jara li Malta ma tibqax taħt l-awtoritajiet Franċiżi u kien wieħed minn dawk ir-rappreżentanti Maltin li żammew kuntatt mar-Renju ta' Sqallija, kif ukoll ma' l-awtoritajiet Ingliżi.

## Wiġi Briffa

Wieħed mill-uffiċjali Maltin li ntgħażlu mill-awtoritajiet Franċiżi biex ikunu uffiċjali fil-***Cacciatori Maltesi***, li kellu jerġa' jitwaqqaf mill-ġdid, kien iż-Żebbuġi Wiġi Briffa. L-għażla ta' Briffa bħala wieħed mill-uffiċjali kienet turi li dan kellu simpatiji mal-Franċiżi[22], għax kieku ma kienx jintgħażel. Nafu li kienet saret lista ta' l-uffiċjali li ntagħżlu ħalli jkunu magħrufa s-simpatiji politiċi tagħhom. Barra minn hekk, l-istess Briffa kien intgħażel ukoll minn Vaubois bħala wieħed mill-membri tal-Muniċipalità ta' Ħaż-Żebbuġ[23].

## REFERENZI

1 Ara l-artiklu tiegħi fil-Programm tal-Festa 1998.

2 Il-ħajja ta' Ġan Indrì Trevisan tidher li kienet waħda movimentata mhux ħażin. Huwa ingħaqad ma' l-armata Ingliża, iġġieled f'Kalabrija l-Italja, u nqabad priġunier mill-Franċiżi f'Capri. Minn hemm huwa kien irnexxielu jaħrab. Fis-sena 1813 huwa kien ingħata l-inkarigu li jieħu ħsieb il-bastimenti li kienu jbaħħru fl-inħawi tal-Portijiet tal-Belt Valletta, minħabba l-imxija tal-pesta li kienet ħakmet lil Malta f'dak iż-żmien. The French in Malta Carmelo Testa, Midsea Books Ltd., 1997.

3 ibid., p. 175.

4 ibid., p.276, n.15

5 ibid., p. 287

6 ibid., p. 421

Minħabba li l-**Università**, li kienet ilha mwaqqfa snin kbar, kienet tbattlet mill-flus mill-Franċiżi, u wara li kien ingħata bidu għall-irvell tal-Maltin, ma kienx hemm aktar ċans li jsir użu mill-flus tal-Maltin stess, kienet twaqqfet istituzzjoni oħra ħalli tkun tista' taqdi l-istess funzjonijiet li kienet tagħmel dik ta' qabilha. Id-differenza, u l-ewwel diffikultajiet kienu n-nuqqas kbir ta' flus li kien hemm. Fl-istess waqt kien iddikjarat li l-portijiet ta' San Pawl il-Baħar, ta' Marsaxlokk u ta' Marsascala kellhom ikunu mgħassa sew mill-Maltin biex b'hekk ma jkunx hemm min jipprova jdaħħal jew joħroġ affarijiet li mhux suppost.

7 Ordni minnhom kienet tgħid li l-ebda persuna ma setgħet tersaq viċin is-swar miżmuma mill-Franċiżi, anke biex tirgħa l-annimali tagħha. Jekk iseħħ hekk, il-persuna tkun iffuċilata, filwaqt li l-merħla tkun ikkonfiskata.

8 **The Nobles of Malta 1530-1800** John Montalto, Midsea Books Ltd., Malta 1979, p.351.

9 Testa op. cit., p. 175

10 Nutar Emmanuele Vitale 1759-1802 Anthony Casha, Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, Rabat, Malta 1999, p. 34.

11 ...di questa città Notabile e suo Borgo e della maggior parte dell'isola, per procedere all'elezione del Comandante Generale di queste truppe e di quattro deputati e rappresentanti di questo popolo...

**Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800** Winston L. Zammit, Klabb Kotba Maltin, Malta 1999, p. 1.

[12] A History of Malta during the period of the French and British Occupations 1798-1815, William Hardman, Facsimile Edition 1994, Midsea Books Ltd., p. 115.

[13] Dan Fournier kien wieħed minn tnejn biss li ntagħżlu li kellhom titlu ta' nobiltà. Iżda fil-listi li jingħataw, Fournier ma jissemmiex li kien baruni, iżda sempliċiment imniżżel bħala li kien ġentlom.
Testa op. cit., p. 175.

[14] Hardman op. cit., p. 103.

[15] Huwa ferm interessanti li dan il-Baruni flimkien mal-familja tiegħu kienu mdaħħlin fl-inkwiet li kien inqala' fi żmien il-Gran Mastru de Rohan meta kienu akkużati li kienu membri tal-Loġġa tal-Mażuni f'Malta. Għalkemm kien hemm ftehim li l-familja Fournier titlaq minn Malta u tmur lejn Franza, dan ma seħħx eżattament kif kien ħaseb l-Inkwiżitur Lante.
Għal aktar informazzjoni dwar dan il-każ ara:
Montalto op. cit., pp.339-346;
"The Early Days of Freemasonry in Malta (1730-1798)" A. J. Agius fil-ktieb History of Freemasonry in Malta 1730-1998, editor A. J. Agius, Stiges Ltd., Malta 1998, pp.11-16.

[16] Testa op. cit., p. 352

[17] ibid., p. 421

[18] Hardman op. cit., p. 184

[19] ibid., p. 191

[20] ibid., p. 195
Din l-ittra nkitbet fit-23 ta' Frar 1899. Fl-ittra d-deputati Maltin mhux biss jitolbu lil Nelson biex jagħżel persuna addattata, iżda talbuh ukoll biex jagħżel lil Alexander Ball minħabba li din il-persuna kien diġà ġibed l-ammirazzjoni u r-rispett tal-Maltin kollha.

[21] ibid., pp. 200-201
Sir William Hamilton kien l-ambaxxatur Ingliż f'Napli. L-ittra miktuba minn Hamilton hija datata s-6 ta' Marzu 1799.

[22] Testa op. cit., p. 144; p. 168 nota 15

[23] ibid., p. 175